**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Awwissu, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 242/2019 AF**

Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Nru. 889/2018

**Western Agency Company Limited (C-47450)**

**vs**

**Anna Maria Grech**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Anna Maria Grech li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija, din il-Qorti ntalbet li l-effetti tal-mandat ta' qbid fl-ismijiet hawn fuq premessi jigu revokati stante li l-pretensjoni tar-rikorrenti hija kawtelata bis-sahha ta' att kawtelatorju iehor.

Rat id-dokument anness.

Rat it-twegiba.

Semghet id-difensuri.

Rat l-atti kollha.

Rat li r-rikors thalla sabiex jigi degretat in camera.

Ikkunsidrat illi permezz ta' dan ir-rikors, Anna Maria Grech qeghda titlob lil din il-Qorti effettivament thassar mandat ta' qbid mahrug fil-konfront taghha mis-socjetà Western Agency Limited sabiex din tal-ahhar tikkawtela kreditu minnha pretiz rapprezentanti danni subiti wara negozju bejn l-istess partijiet. L-ammont pretiz huwa kwantifikat fic-cifra ta' €1.45 miljun Ewro. Gew kolpiti bil-mandat tlett vetturi, li tnejn minnhom effettivament gew elevati.

Ir-rikorrenti ssejjes it-talba taghha fuq l-Art. 836(1)(c) tal-Kap. 12, li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju meta:

> *"jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni."*

Ir-rikorrenti tikkontendi illi l-pretensjoni tas-socjetà sekwestranti hija kawtelata adegwatament bil-mandat ta' inibizzjoni minnha mitlub u ottjenut u li permezz tieghu gew milquta diversi proprjetajiet immobbli appartenenti lil Anna Maria Grech.

Huwa ritenut illi sabiex garanzija alternattiva tiggustifika t-thassir ta' mandat kawtelatorju "irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinsab fi hdan l-istess persuna ezekutata u dan, generalment minn stharrig tal-gid li hija jista' jkollha" (ara Camilleri vs Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw il-wirt battal tal-mejjet Dun Luigi Camilleri – 25 ta' April 2014) u l-gurisprudenza hemm citata.

Fil-kaz odjern il-Qorti tinnota illi ma ngabet lilha ebda valutazzjoni tal-proprjetà kolpita bl-imsemmi mandat ta'

inibizzjoni. Lanqas ma ngabet lilha ebda informazzjoni dwar x'pizijiet l-istess proprjetà hija mghobbija bihom. Lanqas ma' tista' l-Qorti tinjora l-fatt li s-somma reklamata f'danni hija wahda konsiderevoli. Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma tqisx gustifikata t-talba tar-rikorrenti ghat-thassir tal-mandat ta' qbid.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' Anna Maria Grech.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF